II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1819

tat-8 ta' Awwissu 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-ħall ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanza attiva l-ħall, sa fejn din tikkostitwixxi ikel jew għalf maħsuba għall-użu bħala ikel jew għalf li jintużaw bħala sustanzi li jbiegħdu (repellents) u dawk li jattiraw (attractants) tat-tip ta' prodott 19, li tista' tibbenefika mid-deroga għall-ikel u għall-għalf prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 ([2]).

(2) Ġiet ippreżentata notifika skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ([3]) għall-ħall għall-prodott tat-tip 19 li jibbenefika mid-deroga għall-ikel u għall-għalf. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") iddikjarat li n-notifika hija konformi u infurmat lill-Kummissjoni dwar il-konformità skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, il-ħall ġie inkluż għat-tip ta' prodott 19 fil-lista ta' taħlitiet ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali ([4]).

(3) Fil-31 ta' Jannar 2017 il-Kummissjoni talbet lill-Aġenzija għal opinjoni dwar jekk il-ħall jagħtix lok għal tħassib skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(4) L-opinjoni tal-Aġenzija ([5]) kkonkludiet li l-ħall ma jagħtix lok għal tħassib u għalhekk huwa eliġibbli għall-inklużjoni fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) Filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Aġenzija, huwa xieraq li l-ħall jiġi inkluż fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Peress li l-ħall huwa ta' oriġini naturali, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kategorija 4 "Sustanzi ta' oriġini naturali użati tradizzjonalment". Jenħtieġ li l-ħall jiġi inkluż f'dak l-Anness biss sakemm jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "ikel" jew "għalf" imsemmija fil-punt (u) tal-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament. Dan huwa konsistenti mal-fatt li l-ħall ma bbenefikax mid-deroga għall-ikel u għall-għalf prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 sakemm ma kienx jikkonsisti minn ikel jew minn għalf.

(6) L-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fih miżuri tranżizzjonali fejn sustanza attiva eżistenti inkluża fil-programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku ta' sustanzi attivi eżistenti tiġi approvata f'konformità ma' dak ir-Regolament. Fir-rigward tal-ħall għall-prodotti tat-tip 19, id-data tal-approvazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li tiġi stabbilita bħala dik tal-1 ta' Ġunju 2021, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jitressqu f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament,

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/157 tas-6 ta' Novembru 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 1).

([5]) Biocidal Products Committee (BPC) Opinion of 14 December 2017 on the eligibility of certain food and feed active substances for inclusion into Annex I to the BPR. [Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) tal-14 ta' Diċembru 2017 dwar l-eliġibbiltà ta' ċerti sustanzi attivi fl-ikel u fl-għalf għall-inklużjoni fl-Anness I tal-BPR], ECHA/BPC/186/2017.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, id-data tal-approvazzjoni tal-ħall għall-prodotti tat-tip 19 hija l-1 ta' Ġunju 2021.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fil-Kategorija 4 tal-lista tas-sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 25(a), tiżdied l-entrata li ġejja:

Numru KE	Isem/Grupp	Restrizzjoni	Kumment
"Mhux disponibbli	Ħall (*)	Minbarra l-ħall li mhuwiex ikel u minbarra l-ħall li fih iktar minn 10 % aċidu aċetiku (kemm jekk huwa ikel u kemm jekk mhuwiex).	Nru CAS 8028-52-2

(*) (*) Id-data tal-approvazzjoni tal-ħall għall-prodotti tat-tip 19 għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) hija l-1 ta' Ġunju 2021.".